MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 19/2008

**General Workers' Union**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-General Workers' Union li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Tezisti prezentement Tilwima tax-Xoghol bejn il-General Workers' Union ("il-Union") u l-Enemalta Corporation ("il-Korporazzjoni") ibbazata fuq ftehim li l-Union u l-Korporazzjoni kienu ffirmaw fis-sena 2002, u senjatament fuq il-fehma tal-Union rikorrenti li l-Korporazzjoni qeghda tikser tali ftehim fil-konfront ta' membru taghha Stephen Leonardi.

Wara li konciljazzjoni taht l-awspici tad-Direttur tax-Xoghol ma hallietx ezitu pozittiv, il-union rikorrenti talbet lill-Ministru responsabbli mir-relazzjonijiet industrijali ("il-Ministru") sabiex jirreferi din it-Tilwima lit-Tribunal Industrijali ghall-eventwali decizjoni mill-istess Tribunal.

Din il-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali ghadha pendenti u ggib ir-referenza 2499JB fl-ismijiet *General Workers' Union vs Enemalta Corporation;*

It-Tribunal Industrijali gie kostitwit permezz ta' tlett (3) gudikanti kif gej:

- Chairperson maghzul minn panel mahtur mill-Ministru a tenur ta' l-artikolu 73(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ("l-Att");

- Zewg membri ohra tat-Tribunal mahtura a tenur tal-artikolu 73(5)(b) u (c) tal-Att.

Fl-artikoli 73(5)(b) u (c) u 80(3) l-Att jipprovdi li meta l-kwistjoni quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar persuni impjegati ma' entijiet morali mwaqqfin b'ligi u immexxija minn Bord jew korp iehor mahtur mill-Gvern, jew tkun dwar persuni impjegati ma' kumpaniji li fihom il-Gvern ghandu interess li bih jikkontrollhom, "**membru tat-Tribunal ghandu jirrapprezenta l-interess tal-Gvern, jew tal-korp jew kumpanija involuta fit-tilwima ta' xoghol, li tkun persuna mahtura *ad hoc* mill-Ministru**."

Minn naha l-ohra l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid hekk:

> "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli."

U wkoll, l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> "Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-

interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn tkun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."

Hija umli fehma tar-rikorrenti li t-Tribunal Industrijali imwaqqaf bl-artikolu 73 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ("l-Att") ma jissodisfax il-kriterji ta' tribunal indipendenti garantit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.

Fl-**ewwel lok** huwa lampanti li l-Att iwaqqaf Tribunal li huwa esplicitament mxaqleb lejn parti wahda fil-proceduri. Huwa pacifiku li l-Gvern ghandu interess dirett fil-Korporazzjoni Enemalta. Huwa l-istess Gvern li jahtar membru fit-Tribunal sabiex, skond l-Artikolu 73(5)(c), "**jirrapprezenta l-interess tal-Gvern, jew tal-korp jew kumpanija involuta fit-tilwima ta' xoghol**" f'dawn il-proceduri. L-interess tal-Gvern u tal-Korporazzjoni (pekunjarju, partiggjan, politiku, jew ta' xort'ohra) mhux necessarjament jirrispekkja l-interess tal-gustizzja u ekwità.

Il-membru l-iehor li flimkien mac-Chairperson jifforma t-Tribunal jintaghzel minn lista ta' persuni nominati mit-*trade union*. Madankollu, ghall-kuntrarju tal-membru tal-Gvern, dan ma jfissirx li l-persuna nominata mill-lista tat-*trade unions* tirrapprezenta l-interessi tat-*trade union* parti fil-kawza. Kieku, ghall-grazzja tal-argument, kien hemm it-Tribunal Industrijali xorta ma jissodisfax il-kriterji tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni stante li ma jkunx tribunal imparzjali u indipendenti mill-partijiet. "*Two wrongs do not make a right*."

Huwa car li l-membri tat-Tribunal mahtura kif previst mill-Att huma f'posizzjoni ta' suggizzjoni quddiem wahda jew aktar mill-partijiet u ghalhekk tali Tribunal jivvjola l-garanziji kostituzzjonali.

Fit-**tieni lok**, it-Tribunal Industrijali, huwa marbut, ai termini ta' l-artikolu 80(1) tal-Att li:

> "Fl-ghoti ta' kull sentenza, decizjoni jew parir, it-Tribunal ghandu jqis il-politika socjali tal-Gvern bazata fuq principji ta' gustizzja socjali u l-htigiet ta' kull pjan nazzjonali ta' zvilupp u politika ekonomika ohra tal-Gvern li jkunu qed jigu mwettqa, u ghandu jara li jigi zgurat li s-sentenza, id-decizjoni jew il-parir tieghu jghinu t-twettiq ta' kull politika u pjani bhal dawk."

L-Union esponenti hija konvinta li tali imposizzjoni fuq it-Tribunal Industrijali taghmilha impossibbli li dan jiddeciedi b'mod oggettiv galadarba huwa ristrett li d-decizjonijiet tieghu ikunu marbuta mal-politika ekonomika tal-Gvern.

Huwa umilment sottomess li l-politika ekonomika tal-Gvern ma tinsabx elenkata f'xi strument legali ben definit u ezawrjenti u ghalhekk ukoll tali provvediment fl-Att huwa manifestament intiz sabiex jivvantaggja lill-Gvern u lill-entitajiet tieghu li jkunu parti fi proceduri quddiem it-Tribunal.

Fit-**tielet lok**, l-artikolu 73 tal-Att ma jipprovdix biex it-Tribunal Industrijali jkun tribunal imparzjali u indipendenti

stante li l-membri tieghu ma jgawdux sigurtà bizzejjed fil-mili tal-kariga taghhom ("**security of tenure**").

Fil-kaz tac-Chairpersons tat-Tribunal, "dawn il-persuni jigu mahtura ghal perjodu li ma jkunx aktar min tliet snin mid-data tal-hatra taghhom u jistghu jergghu jigu mahtura mill-gdid ghal perjodi ohra li kull wiehed minnhom ma jkunx ta' aktar minn tliet snin" Art. 73(2)(b).

Dan ifisser li c-Chairperson tat-Tribunal, huwa soggettat ghas-setgha tal-Ministru li jerga' jahtru mill-gdid fi tmiem it-terminu tal-hatra. Il-ligi tipprovdi ghal perjodu massimu izda l-Ministru jista' jahtar ghal perjodi iqsar. Perjodu massimu ta' tlett snin gie meqjus mill-Qrati Ewropej bhala perjodu qasir li izda jista' jkun accettabbli purchè jkunu soddisfatti kriterji ohra ben definiti li jaghtu sigurtà lill-gudikant. Madankollu, tali kriterji mhumiex soddisfatti fil-kaz odjern. Il-persuna tac-Chairperson fil-fatt hija wkoll soggetta ghar-rieda tal-Ministru li jnehhiha minn fuq il-panel ta' Chairpersons kif l-esponenti tispjega aktar 'l isfel.

Fil-kaz tal-membri l-ohra tat-Tribunal, dawn il-persuni "jinhatru mill-Ministru biex iservu bhala membri tat-Tribunal kull meta tinqala' l-htiega", b'dan li meta (bhal fil-kaz odjern) parti fit-tilwima tkun entità morali mwaqqfa b'ligi u immexxija minn Bord jew korp iehor mahtur mill-Gvern, membru tat-Tribunal jinhatar *ad hoc* mil-Ministru.

Kemm ic-Chairperson tat-Tribunal u wkoll il-membri tat-Tribunal ghandhom il-posizzjoni taghhom fuq it-Tribunal ghal kollox soggetta ghar-rieda tal-Ministru, li jista' jnehhihom mill-

lista ta’ membri **minghajr htiega li jaghti raguni**. Jehtieglu biss li jikkonsulta ruhu mal-Kunsill Malti ghall-Izvilupp Ekonomiku u Socjali (MCESD). Madankollu ma jehtieglu l-kunsens ta’ hadd u ma jehtieglux li jimmotiva tali sanzjoni.

Fil-fatt, l-unika protezzjoni li jinghataw dawn il-persuni hija dik li tinsab fil-paragrafi (6) u (7) tal-artikolu 73. Il-paragrafu (6) jipprovdi li c-Chairperson jibqa’ jservi fil-procedimenti li fihom tkun qed isservi sakemm jintemmu dawk il-procedimenti u ghall-fini tal-interpretazzjoni ta’ kull sentenza moghtija fihom. Il-paragrafu (7) jipprovdi li l-isem ta’ membru ma jitnehhiex minn fuq il-lista sakemm ikun hemm pendenti proceduriment li dwarhom tkun giet maghzula bhala membru. Madankollu, huwa car li:

a) Chairperson jista’ jitnehha minn fuq il-lista ghal kazijiet futuri, u dan b’mod immedjat.

b) Membru jista’ jitnehha minn fuq il-lista ghal kazijiet futuri, hekk kif il-kaz kurrenti jkun deciz minnu.

c) Membru nominat mill-Gvern *ad hoc* f’kaz li jikkoncerna entitajiet pubblici jista’ ma jinhatar qatt izjed.

L-Artikolu 73 ghalhekk jippermetti lill-Ministru li jimplimenta passi pseudo-dixxiplinarji fuq ic-Chairperson u l-membri tat-Tribunal. Dawn il-passi ma huma soggetti ghal ebda revizjoni jew censura peress li jaqghu f’diskrezzjoni assoluta tal-Ministru. Huma “soggetti” biss ghall-konsultazzjoni ma’ l-MCESD it-tnehhijiet ta’ Chairpersons. Ghalhekk, it-Tribunal huwa kostitwit minn persuni li fil-prattika huma subordinati ghar-rieda assoluta u arbitrarja tal-Ministru. Ghalhekk ukoll, fejn l-Att jittratta l-hatra u kompozizzjoni tat-Tribunal qieghed jikser id-drittijiet kostituzzjonali ta’ min jehtieglu jirrikorri

quddiemu u min gie intimat li jidher quddiemu, inkluz l-esponenti.

Fir-**raba' lok**, gie a konjizzjoni tal-Union esponenti li hija prassi kostanti tat-Tribunal li jissollecita pariri u opinjonijiet ta' persuna jew persuni estranei ghall-kaz u ghall-partijiet meta jasal biex jiddeciedi dwar il-vertenza li tkun ingiebet quddiemu.

Ikun hemm okkazjonijiet fejn il-partijiet ikunu ilhom xhur (jekk mhux snin) iressqu provi u jaghmlu sottomissjonijiet quddiem it-Tribunal Industrijali izda mbaghad il-membri tat-Tribunal ikunu mistiedna jiltaqghu ma' persuna jew persuni sabiex jaghtuhom parir dwar kif ghandhom jiddeciedu l-vertenza.

Dawn il-laqghat isiru bil-maaghluq u fi granet li ma jkunx notifikati lill-partijiet u l-attendenza tal-istess partijiet mhix accetata.

Din il-prassi, oltre li xxejjen l-isforzi li l-partijiet jaghmlu quddiem it-Tribunal, taghmel it-Tribunal Industrijali korp guridiku mhux indipendenti u mhux imparzjali.

B'zieda mal-premess, l-esponenti tirrileva u temfasizza li l-partijiet ghandhom rikors ghall-Qrati ordinarji biss f'cirkostanzi specifiki fl-istadju ta' appell fuq punt ta' dritt u ghalhekk galadarba parti tkun pregudikata bil-parzjalità (reali jew apparenti) fl-ewwel istanza, ma jkunx fadlilha rimedju shih quddiem Qorti tassew imparzjali u indipendenti, korrettement kostitwita. Lil persuna ma jistax jigi mcahhad li, f'xi stadju, il-kaz tieghu kollu kemm hu jkun mistharreg minn Qorti indipendenti u imparzjali.

Dan kollu premess jesponi ksur manifest u lampanti tad-dritt ghal smiegh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kostituzzjoni u kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghal smiegh xieraq tal-esponenti, senjatament stante li ma jharisx dak li jghidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kap. 39 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi internazzjonali tal-Istat ta' Malta.

2. Taghmel dak li jidhrilha xieraq sabiex jitwettqu l-imsemmija Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u hekk taghti kull rimedju jew direttivi opportuni.

B'riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li wiegeb illi:

1. Fl-ewwel lok il-kawza odjerna hija dwar allegat ksur ta' kuntratt u r-rikorrenti kienu ghalhekk liberi li jadixxu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar l-imsemmi allegat ksur kontrattwali. Fil-fatt hemm ukoll eccezzjoni f'dan is-sens sollevata quddiem it-Tribunal mill-Korporazzjoni Enemalta.

   Ghalhekk ir-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom ghad-disposizzjoni taghhom mezzi ohra ta' rimedju fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u huwa ghalhekk indikat li dina l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza in vista tal-imsemmija mezzi ohra ta' rimedju.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess li l-kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali tikkoncerna l-allegat dritt tas-Sur Leonardi u jahdem f'hinijiet partikolari tax-xoghol (u cioé li jahdem bix-"shift" flok ma jahdem il-hinijiet normali tax-xoghol). Ghalhekk it-tilwima li hemm quddiem it-Tribunal Industrijali ma tinvolvix id-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili stante li s-Sur Leonardi, li lanqas ma huwa parti f'din il-kawza ma ghandu ebda dritt civili li jahdem certu hinijiet tax-xoghol specifici u wisq inqas ma ghandha xi tali dritt il-General Workers' Union li qeghda tippromwovi din il-kawza.

Ghalhekk l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma ghamlux ghall-kaz u l-kawza odjerna hija, anke ghal din ir-raguni biss, infondata.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-Tribunal Industrijali jissodisfa r-rekwiziti kollha ta' tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi kif diversi drabi irritjeniet il-Qorti Ewropeja, l-kwistjoni tas-smiegh xieraq trid tigi evalwata fid-dawl ta' l-assjem kollu tal-proceduri illi jkunu disponibbli ghall-konsiderazzjoni ta' ilment jew ta' tilwima. Illi huwa ghalhekk rilevanti f'dan ir-rigward illi d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali huma wkoll appellabbli fuq punt ta' dritt lill-Qorti tal-Appell.

L-appell fuq punt ta' dritt jaghti lil dik il-Qorti fakultà ampja li tikkunsidra l-kwistjoni fl-aspetti kollha rilevanti u ghalhekk huwa wkoll car illi l-assjem tal-proceduri dwar tilwimiet industrijali u tilwimiet mill-impieg jissodisfaw ir-rekwiziti tas-smiegh xieraq.

5. Inoltre l-allegazzjoni li jigu sollecitati pariri minn persuni estrnajei ghall-kaz ma hix sostanzjata u fi kwalunkwe kaz ma jidhirx li sehhet fil-kaz odjern. Ukoll, ma jirrizultax li xi gudikant sew lokali kif ukoll barrani huwa prekluz taht il-Konvenzjoni Ewropea milli jiehu pariri dwar aspetti legali minn gudikanti jew persuni esperti ohrajn.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ dawn il-proceduri General Workers’ Union qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara illi t-Tribunal Industrijali taht il-Kap. 452 jikser il-jedd ghal smiegh xieraq kif sancit bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

L-intimat Avukat Generali jibda biex jeccepixxi li l-Union rikorrenti kellha mezzi ohra ta’ rimedji li messha uzat. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li din l-eccezzjoni ma tiswiex ghaliex l-ilment tal-Union rikorrenti huwa ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq f’dak il-forum fejn hija qed tittenta tezercita r-rimedji taghha skond il-ligi.

L-Avukat Generali jeccepixxi ukoll illi galadarba l-kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali tikkoncerna allegat dritt ta’

individwu li jahdem hinijiet partikolari, it-Tribunal ma jkunx b'hekk qieghed jiddetermina drittijiet jew obbligi civili. Hawnhekk ukoll l-Avukat Generali ma jistax jinghata ragun. Il-proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali huma essenzjalment dwar tilwima industrijali bejn il-General Workers' Union u l-Korporazzjoni Enemalta. Id-drittijiet li qed jigu determinati f'dawk il-proceduri huma dawk tal-General Workers' Union f'tilwima taghha mhux tal-impjegat individwali.

Il-Qorti Ewropea fis-sentenza fil-kawza Wilson, National Union of Journalists and others vs UK (2 ta' Lulju 2002) (li kienet dwar vjolazzjoni tal-Art. 11), kellha dan xi tghid fir-rigward:

> *"A trade union must thus be free to strive for the protection of its members interests, and the individual members have a right, in order to protect their interests, that the trade union should be heard."*

Huwa maghruf fil-gurisprudenza illi sabiex japplika l-Art. 6 tal-Konvenzjoni, jehtieg li jezisti "dispute" dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet (ara Benthem vs Netherlands) dritt li jkollu s-sisien fil-ligi domestika u li jkun ta' natura "civili". Il-Qorti tinnota illi l-Qorti Ewropea ma tistabbilix fil-kuntest kriterji definiti ta' "civili". It-test adoperat sabiex tigi stabbilita l-applikabbilità o meno tal-Art. 6 huwa jekk id-decizjoni ahharija hijiex deciziva ghad-dritt jew obbligu tal-persuna (ara H vs France 24 ta' Ottubru 1989). Il-Qorti Ewropea irriteniet inoltre (Ruiz-Mateos vs Spain 12 ta' Settembru 1993) illi ukoll fi proceduri ta' natura kostituzzjonali jew ta' dritt pubbliku, l-Art. 6 japplika jekk id-decizjoni tkun "decisive for civil rights and obligations". Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet,

it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali ukoll qeghda tigi michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-Qorti kkunsidrat illi l-Art. 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi illi:

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollja jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn tkun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

L-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi wkoll:

*"Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli."*

Il-Qorti Ewropea, sabiex tiddetermina l-indipendenza o meno ta' tribunal tikkonsidra s-segwenti:

- il-mod ta' kif jinhatru l-membri
- d-durata tal-hatra
- l-garanzija minn pressjoni esterna
- l-percezzjoni tal-indipendenza.

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Ringeisen vs Austria (16 ta' Lulju 1971) u Le Compte et vs Belgium (23 ta' Gunju 1981) Van Dijk, Van Hoof:

> *"These various characterestics of the notion of independence seem to fall into three categories. Firstly, the tribunal must function independently of the executive (and the legislature) and base its decisions on its own free opinion about facts and legal grounds. Secondly, there must be guarantees to enable the court to function independently. As far as the latter requirement is concerned, it is not necessary that the judges have been appointed for life, provided that they cannot be discharged at will or on improper grounds by the authorities. The absence of a formal recognition of the irremovability of judges during their terms of office does not imply a lack of independence as long as it is recognised in fact and the other necessary guarantees are present. Thirdly, even a semblance of dependence must be avoided."*

Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tispecifika illi l-fatt li gudikant jigi mahtur mill-Gvern ma jfissirx nuqqas ta' indipendenza (Clarke vs U.K. – 25 August 2005), dan sakemm jezistu l-garanziji mehtiega ghall-independenza tieghu. Wahda minn dawn il-garanziji hija essenzjalment l-hekk imsejjha "security of tenure". Dan ma jfissirx li gudikant ghandu jibqa' hekk ghal dejjem, pero biss li jkollu garanzija li ma jitnehhiex mill-kariga tul il-perjodu li ghalih gie mahtur, anki jekk tali perjodu huwa relattivament qasir (Campbell and Fell vs U.K. – 28 June 1984). Il-perjodu ta' tlett snin huwa generalment meqjus bhala l-minimu rikjest.

Fil-kuntest tal-imparzjalità mehtiega f'gudikant, Van Djik u Van Hoof, fil-Ktieb taghhom fuq citat jghidu hekk:

> *"In testing whether a 'tribunal' or judge has been prejudiced, the Court makes a distinction between a subjective and an objective approach to impartiality. The subjective approach refers to the personal impartiality of the members of the tribunal involved; this impartiality is presumed as long as the contrary has not been proved."*

u

> *"The objective approach refers to the question of whether the way in which the tribunal is composed and organised, or a certain coincidence or succession of functions of one or more of its members, may give rise to doubt as to the impartiality of the tribunal or that member. If there is justified reason for such doubt, even if subjectively there is not concrete indication of bias of the person in question,*

*this already amounts to an inadmissable jeopardy of the confidence which the court must inspire in a democratic society."*

Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet Piersack (26 ta' Ottubru 1984), De Lubber (22 ta' April 1994) u Saraiva de Carvalho (26 ta' Frar 2002) fost ohrajn.

Applikat dan l-insenjament ta' principji regolatorji gurisprudenzjali ghall-kaz odjern din il-Qorti ssib illi General Workers' Union ghandha tinghata ragun. Il-Qorti wasslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. Ghal dak li jolqot il-komposizzjoni tat-Tribunal, l-Art. 73 (5) tal-Kap.452 jipprovdi illi:

*"(5) Fil-każi kollha li ma hemmx provdut dwarhom fis-subartikolu (4) li fihom il-Gvern, jew xi korp jew kumpannija msemmija fl-artikolu 80(3), ikunu parti, it-Tribunal għandu jkun magħmul minn -*

*(a) chairperson li jigi magħżul skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2);*

*(b) membru magħżul miċ-chairperson tat-Tribunal mill-lista ta' persuni nominati mit-trade unions kif preskritt fis-subartikolu (3)(b); u*

*(c) membru li għandu jirrappreżenta l-interess tal-Gvern, jew tal-korp jew kumpannija involuta fit-tilwima ta'*

> *xogħol, li tkun persuna maħtura ad hoc mill-Ministru."*

Minn dan jirrizulta car, ghalhekk, illi mhux talli l-membru tat-Tribunal jigi mahtur "ad hoc" mill-Gvern talli l-ligi tippreskrivi li ghandu jhares l-interess tal-istess gvern.

Aktar minn hekk, l-Art. 80(1) tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

> *"Fl-għoti ta' kull sentenza, deċiżjoni jew parir, it-Tribunal għandu jqis il-politika soċjali tal-Gvern bażata fuq prinċipji ta' ġustizzja soċjali u l-ħtiġiet ta' kull pjan nazzjonali ta' żvilupp u politika ekonomika oħra tal-Gvern li jkunu qed jiġu mwettqa, u għandu jara li jiġi żgurat li s-sentenza, id-deċiżjoni jew il-parir tiegħu igħinu t-twettiq ta' kull politika u pjani bħal dawk."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn iz-zewg provvedimenti huma bizzejjed biex ixejjnu kull hjiel ta' indipendenza u imparzjalità, u dan fis-sustanza u mhux biss fil-percezzjoni. Union li tidhol fi proceduri mal-gvern tal-gurnata dwar tilwima mal-istess gvern tidhol f'dawn il-proceduri li jehtiegilhom jigu decizi minn persuna li l-ligi timponi fuqha li ghandha ssegwi l-politika ta' dik l-entità li maghha tezisti t-tilwima. Mhux talli l-ligi f'dan il-kuntest ma tiggarantix kontra "*outside pressures*" kif timponi kontinwament il-Qorti Ewropea, talli hija l-istess ligi li timponi l-istess "*outside pressures*".

Il-Qorti tirreferi ghall-kaz Langborger vs Sweden (2 ta' Gunju 1989) fejn il-Qorti sabet ksur abbazi ta' biza fondat li l-interessi ta' zewg assessuri fuq Housing and Tenancy Court kienu kontrarji ghal dak tal-parti fit-tilwima. Il-Qorti sabet dan minkejja li mhallef kellu "casting vote".

Fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom, il-membri tat-Tribunal Industrijali ma jgawdu ebda "security of tenure". Chairperson tat-Tribunal jigi mahtur ghal perjodu massimu ta' tlett snin, liema perjodu jista' jiggedded skond ir-rieda tal-Ministru. Issa l-perjodu ta' tlett snin gie meqjus mill-Qorti Ewropea bhala l-aqsar perjodu li jista' jiggarantixxi indipendenza jekk u meta jezistu l-garanziji l-ohra msemmija mill-istess Qorti. Din il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-kazijiet ta' Campbell & Fell vs U.K., citat aktar 'il fuq.

Madankollu fil-kaz tat-Tribunal Industrijali, Chairperson huwa protett biss ghall-procedimenti mibdija quddiem, stante li l-Art 73(6) tal-Kap. 452 jipprovdi illi:

> *"(6) Il-Prim Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq u wara konsultazzjoni kif provdut fis-subartikolu (2), jibdel l-għamla tal-lista msemmija f'dak il-paragrafu, iżda persuna li fil-fatt tkun qed isservi ta' chairperson tat-Tribunal għandha, minkejja t-tneħħija ta' isimha minn fuq il-lista, tibqa' hekk isservi fil-proċedimenti li fihom tkun qed isservi bħala chairperson sakemm jintemmu dawk il-proċedimenti u għall-fini tal-interpretazzjoni ta' kull sentenza mogħtija fihom."*

Is-subartikolu (7) ikompli:

> *"(7) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, kif jidhirlu xieraq, jitlob nomini ġodda mingħand trade unions, assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (3)(b), u jista' jbiddel l-għamla tal-listi msemmija f'dak is-subartikolu skont hekk, iżda ebda persuna li fil-fatt tkun qed tagħmilha ta' membru tat-Tribunal ma għandu jkollha isimha mneħħi mil-lista sakemm ikun hemm pendenti quddiem it-Tribunal proċedimenti li dwarhom tkun ġiet magħżula bħala membru."*

General Workers' Union qeghda tilmenta wkoll illi l-prassi tat-Tribunal li jitlob pariri minghand persuni barranin, liema pariri jinghataw bil-maghluq minghajr ebda skrutinju permess lill-partijiet fit-tilwima. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Gonzi vs Malta Drydocks Corporation (27 ta' Ottubru 2004) irriteniet illi:

> *"Bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunità li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha."*

Il-Qorti Ewropea konsistentement sahqet fuq il-principju ta' "*equality of arms*" u "*adverserial proceedings*" bhala wiehed mill-fatturi inkorporati fid-dritt ghal smiegh xieraq. Kif irriteniet fil-kaz Ruiz Mateos vs Spain (23 ta' Gunju 1993), id-

dritt ta' "*adverserial proceedings*" jaghti lill-parti fi proceduri il-jedd li jkun jaf u jikkontrolla kull element li jqis il-korp aggudikattiv sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu.

Fil-kaz ta' T.P. and K.M. vs the United Kingdom (10 ta' Mejju 2001) il-Qorti Ewropea irriteniet illi l-awtoritajiet kien messhom urew lil omm il-filmati li wassluhom biex icahhduha mill-kura u kustodja ta' binha. Fil-kaz Kramar vs the Czech Republic, il-Qorti Ewropea sabet li l-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Ceka kienet kissret id-dritt ghal "*adverserial proceedings*" meta kienet gabret minn jeddha xhieda li fuqha sussegwentement sejset id-decizjoni taghha (3 ta' Marzu 2000).

Fil-kaz odjern, Vincent Micallef, u Noel Vella, Segretarju tat-Tribunal Industrijali xehed illi t-Tribunal ta' spiss jirreferi ghall-pariri lil persuni estraneji (ara xhieda a fol. 53). Huwa jispjega kif meta l-hatra tkun ta' espert tekniku din tigi verbalizzata fl-atti tal-proceduri koncernati. Mhux l-istess isir dwar pariri ohra inkluz pariri legali li jkun kiseb it-Tribunal. L-istess Registratur jikkonferma li hu jkun sar jaf bihom meta jirceivi l-invoice ghall-hlas. Huwa infatti pprezenta fl-atti ta' dawn il-proceduri (fol. 29 et seq.) lista ta' madwar 100 kaz fejn it-Tribunal kiseb pariri minn estraneji. Minn dawn hamsa biss gew registrati li ddahhlu fl-atti tal-kaz.

Minn dan ghalhekk jirrizulta li ukoll f'dan l-aspett it-Tribunal Industrijali qieghed jonqos milli jiggarantixxi lill-partijiet quddiem smiegh xieraq skond l-Art. 6 tal-Konvenzjoni u dan peress illi l-istess Tribunal qieghed jistrieh fuq pariri u opnijonijiet minghajr ma jaghti l-partijiet opportunità li jikkumentaw dwarhom.

Finalment minkejja li l-Qorti tifhem u tapprezza li fi proceduri rigwardanti lezjoni tad-dritt ta’ smiegh xieraq ghandhom jigu meqjusa c-cirkostanzi u fatturi kollha madwar il-proceduri, il-Qorti qieset ukoll li l-konsiderazzjonijiet taghha kif hawn fuq spjegati tassumi rilevanza ulterjuri meta wiehed iqis li d-dritt ta’ appell minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija limitata ghal punt ta’ dritt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Avukat Generali, tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi l-kostituzzjoni u kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht l-att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta) ma jiswiex ghaliex jikser id-dritt ghal smiegh xieraq, senjatament stante li ma jharisx dak li jghidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Konsegwentement tordna li kopja ta’ din is-sentenza tingieb a formali konjizzjoni tal-President ta’ Malta u tal-iSpeaker tal-Kamra tar-Rapprezentanti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------